## 9 ta' Jannar, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Francis X. Sarè *versus* Salvatore Cacciottolo et.

**Arbitraġġ — Kompromess — "General Workers' Union" — Soċjetà Ċivili.**

*Mhix aċċettabili l-allegazzjoni illi ċ-ċittadin ma jistax jirrinunzja għad-dritt li għandu li jadixxi t-tribunali; u dan jidher ċar mill-fatt li l-klawsola kompromissorja hija valida.*

*Il-kompromess jippresupponi almenu żewġ partijiet li jafdaw pendenza ta' bejniethom fid-deċiżjoni ta' terza persuna; imma enti morali, bħal ma hija l-General Workers' Union, ma jistax jagħmilha ta' arbitru.*

*Il-General Workers' Union hija waħda minn dawk li jissejħu soċjetajiet ċivili, rikonoxxuta jew permessa mill-liġi. Min jinkiteb fiha jidħol f'rapport kontrattwali magħha, u jintrabat li joqgħod għall-Istatut tagħha.*

*Għaldaqstant, ladarba l-Istatut ta' dik l-Union jikkostitwixxi l-Eżekutiv Nazzjonali ta' dik l-Union bħala l-organu suprem ta' l-appell, id-diskrezzjoni ta' dak l-organu hija insindakabili mill-Qrati, jekk fil-każ partikulari ma tkunx tirrikorri xi kawża approvata mill-liġi għat-tħassir ta' kuntratt, jew ma jkunx hemm xi ksur tar-regolamenti, jew xi applikazzjoni tagħhom kontra l-prinċipji*

*tal-ġustizzja naturali. Imma anki f'dawn il-każijiet, il-Qrati ma jistgħux jissindakaw l-opportunità jew l-espedjenza tad-deliberazzjoni li tkun ġiet meħuda, u lanqas il-motivi intrinsiċi li jkunu ddeterminawha; kif ukoll ma jistgħux jaraw jekk l-opinjoni f'dik id-deliberazzjoni espressa hijiex tajba jew ħażina, basta però li tkun ġiet emessa in buona fede.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa, u illi l-attur, li huwa impjegat bħala electrician ma' l-Air Ministry Directorate of Works, f'Awissu 1949 ittenda li, bħala li kien jaħdem fin-"night shift work", kien qiegħed jirċievi anqas paga milli jistabbilixxu r-"Regulations for Civilians employed by the R.A.F. in Malta", sezzjoni 106A., dok. A, għax flok ma kien qiegħed jitħallas bir-rati hemm stabbiliti, kien qiegħed jitħallas bir-rati tan-"night work", li huma anqas; u illi, kif l-attur flimkien ma' sħabu pprotestaw permezz tar-rappreżentant tal-General Workers' Union, bdew jitħallsu skond is-sezzjoni 106A., u rċevew l-arretrati ta' dak ix-xahar, u baqgħu jitħallsu hekk, u dana non ostante li r-regolamenti baqgħu kif kienu, u x-xogħol baqa' l-istess; u illi l-attur kien ilu jaħdem fin-"night shift work" sa minn l-1944, u hekk kellu d-dritt għall-arretrati minn dik id-data, u mhux minn xahar qabel biss; u illi l-esponent, bħala msieħeb fil-General Workers' Union li jħallas regolarment, kellu dritt għall-għajnuna tagħha, talab fl-1949, fl-istess xahar ta' Awissu, din l-għajnuna biex jakkwista minn għand l-Air Ministry Directorate of Works l-arretrati kollha sa minn l-1944; u illi l-istess Union damet ma waslet f'deċiżjoni sad-9 ta' Novembru 1951, u dana non ostante d-diversi interpellazzjonijiet ta' l-attur; u d-deċiżjoni li waslet fiha kienet li ma jresqux il-pretensjoni ta' l-attur quddiem l-Awtoritajiet għax mhix fondata fid-dritt, u meta l-attur talab li almenu l-każ jiġi sottomess lill-konsulent legali ta' l-Union, dan ġie miċħud lilu; talab :— (1) Li jiġi dikjarat u deċiż illi d-deċiżjoni li għaliha wasal l-Eżekutiv Nazzjonali ta' l-Union kienet deċiżjoni ħażina, għaliex il-pretensjoni ta' l-attur hija, almenu "prima facie", fondata fid-dritt; (2) jiġi dikjarat u deċiż illi l-General Workers' Union naqset fid-dmirijiet tagħha lejn l-

esponenti, kemm għaliex id-deċiżjoni kienet ħażina, kemm għaliex ipprokrastinaw iżżejjed, u kemm għaliex ċaħdu lill-attur id-dritt li l-każ jiġi sottomess lill-konsulent legali ta' l-istess Union; (3) illi l-istess General Workers' Union tiġi dikjarata responsabili tad-danni li jista' jsofri l-attur fil-każ li jirriżulta li huwa tilef id-dritt li jitlob l-arretrati minħabba d-dewmien żejjed sakemm il-pretensjoni tiġi mressqa lill-Awtorità. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ta' l-4 ta' Diċembru 1951, kontra l-konvenuti, li jibqgħu imħarrkin għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha ssottomettew:— (a) Li d-domandi ta' l-attur mhumiex fondati la fid-dritt u lanqas fil-fatt, billi l-funzjoni ta' l-Union, f'każi bħal dak in kwistjoni, hija dik ta' patroċinatriċi tad-drittijiet tal-membri tagħha, u ma tistax tiġi kostretta tippresta dan il-patroċinju fejn l-Eżekutiv Nazzjonali tagħha jħoss li l-membru mhux assistit minn dritt, u f'dana s-sens l-azzjoni ta' l-Union mhix sindakabili; (b) li fil-fatt, l-Union tat l-appoġġ tagħha lill-attur safejn kien jistħoqqlu, u otteniet favur tiegħu l-benefiċċji xierqa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' l-insindakabilità opposta mill-konvenuti;

Illi l-attur jikkontesta dina l-eċċezzjoni fuq il-motiv li kull ċittadin għandu d-dritt inaljenabili li jirrikorri lejn it-tribunali, u kull rinunzja għal dan id-dritt hi nulla. Mill-banda l-oħra, il-konvenuti jsostnu li si tratta ta' "arbitrat liberu", li kull assoċjat jassoġġetta ruħu għalih bil-fatt stess li jidħol fl-Union;

Illi r-raġunijiet addotti mill-kontendenti, fil-fehma tal-Qorti, mhumiex aċċettabili;

Mhux dik addotta mill-attur; għaliex id-dritt li wieħed jadixxi t-tribunali huwa ta' indoli privata, u għalih hu applikabili l-prinċipju li "unicuique licet juri pro se introducto renuntiare"; u l-isbaħ konferma ta' dan insibuha fil-validità ormai rikonoxxjuta tal-klawsola kompromissorja;

Mhux il-motiv miġjub mill-konvenuti; għaliex il-kompromess jippresupponi almenu żewġ partijiet li jafdaw pen-

denza *ta' bejniethom lid-deċiżjoni ta'* terza persuna (ħaġa dina li teżula f'dan il-każ); u anki għaliex il-General Workers' Union, bħala enti morali, ma tistax, skond l-opinjoni il-lum aktar aċċettata, tagħmilha ta' arbitru. Difatti, kif jgħid il-Mattirolo, "l'ufficio di arbitro presuppone necessariamente la fiducia dei compromettenti nell'individuo specificatamente nominato. Se le parti ripongono la loro fiducia nei singoli rappresentanti del corpo morale, nulla vieta di eleggere costoro ad arbitri; ma *non è loro permesso* di chiamare a tale ufficio il corpo morale. I rappresentanti di questo possono ad ogni istante cambiare, di guisa che coloro i quali rappresentano l'ente morale al momento *in cui occorrerebbe* la sentenza, ben potrebbero essere persone diverse da quelli che rappresentavano l'ente quando si stipulò il compromesso" (Diritto Giudiziario, Vol. I, §754, ediz. 1902). Identiku huwa l-insenjament ta' Mariano Mariani fil-monografija tiegħu "Compromesso" (Dig. Ital. §99);

Illi, għalkemm fl-Istatut ta' l-Union ma jingħadx li d-deċiżjoni ta' l-Eżekutiv Nazzjonali tagħha hija finali, l-inappellabilità tagħha toħroġ mill-fatt li l-proċedura, f'każ ta' aggravju tas-soċju, ġiet espliċitament traċċjata fir-regolamenti, u dina tieqaf appuntu fl-istadju ta' l-Eżekutiv Nazzjonali. Ma hemmx dubju li l-General Workers' Union hija waħda minn dawk li jissejħu "società civili", rikonoxxuta jew permessa mil-liġi; kull min jinkiteb fiha jidħol f'rapporti kontrattwali magħha; u kif esprimiet ruħha dina l-Qorti fil-kawża "Vassallo vs. Iron", deċiża fis-16 ta' Novembru 1933, "contratta delle obbligazioni e si sottopone ai patti ed alle condizioni risultanti dalla scrittura del contratto sociale, e cioè accetta *lo statuto*, ossia corpo di regolamenti che governano la società medesima, e quindi deve osservare i patti sociali, che hanno forza di legge tra gli associati" (Kollez. Vol. XXVIII—II—488);

Meta wieħed japplika dan il-prinċipju għall-każ in kwistjoni, isib li l-attur kien obligat jirrikorri qabel xejn għall-Eżekutiv tas-Sezzjoni tiegħu; u jekk id-deċiżjoni tagħha ma togħġbux, jappella minnha quddiem l-Eżekutiv Nazzjonali ta' l-Union. Liema proċedura, "ex admissis", ġiet puntwal-

**ment** osservata, u konsegwentement l-attur eżawrixxa l-meżzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu skond l-Istatut, u ma jistax, *almenu fil-każi normali, jirrikorri* quddiem organu ieħor mingħajr ma jikser il-vinkolu kontrattwali, li għalih għandu s-saħħa ta' liġi, ħlief bil-kunsens ta' l-istess Union jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi (art. 1035 Kodiċi Ċivili) ;

Ladarba, imbagħda, mill-Istatut l-Eżekutiv Nazzjonali ġie kostitwit bħala l-organu suprem ta' appell, bl-adeżjoni ta' l-attur għal dak l-Istatut id-diskrezzjoni ta' dak l-organu hija insindakabili. Luigi Rodino, fil-monografija tiegħu "Società Civile" (Dig. Ital. § 513 quater.), igħid :— "Sonvi casi in cui il socio non può far valere azioni giudiziali........... tali tutti quelli che riguardano facoltà discrezionali lasciate dal contratto al potere dell'Assemblea........... la statutaria rimessione al giudizio dell'Assemblea rende questa sovrana nei suoi apprezzamenti sulla sussistenza, gravità e ragionevolezza delle cause per le quali la deliberazione ha luogo" ;

L-istess prinċipju sostnieh il-Qorti ta' l-Appell ta' Torin fil-kawża "Società Orto-Agricola c. Busso", deċiża fl-4 ta' Mejju 1896 :— "Lo statuto sociale, fatto in conformità alla legge ed accettato dai soci..........., forma legge contrattuale fra i soci in tutto ciò che dal medesimo è espressamente regolato e contemplato........... Onde è che l'autorità giudiziaria non ha competenza per addentrarsi e sindacare nel suo intrinseco una deliberazione presa dall'Assemblea Generale sopra materie dallo statuto demandate al giudizio di questa, e coll'esatta osservanza delle formalità e norme estrinseche preordinate dallo statuto medesimo" (Bettini, Giurisp. Italiana 1896, I, sez. II, pag. 634) ;

Illi dina l-Qorti, fil-kawża "Azzopardi vs. Ellul", deċiża fid-9 ta' Mejju 1876, sostanzjalment applikat l-istess prinċipju għal-każ ta' stima magħmula minn perit magħżul mill-interessati ; u dana preċiżament għaliex dik l-għażla kienet tikkostitwixxi kuntratt, li għandu saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. "Ritenuta come valida la convenzione", qalet dina l-Qorti, "ne consegue che la stima o valutazione fatta dalle persone incaricate, è per le parti obbligatoria, senza necessità che preventivamente all'incarico dato si dichiari di dover sta-

re alla fatta stima e di rinunciare a qualunque reclamo dalla stessa; perocchè diversamente bisognerebbe concludere che la detta convenzione non sarebbe assistita dalla legge, e sarebbe priva di effetto, se chiunque tra le parti, senza giusta causa, potesse rifiutarsi d'adempirla'' (Kollez. Vol. VII, 573);

Illi l-istess prinċipju ġie mill-ġurisprudenza Ingliża applikat saħansitra għad-deliberazzjoni ta' kumitat ta' sempliċi ''club'', peress li ġie ritenut li dak il-kumitat għandu funzjoni kważi-ġudizzjali; bil-konsegwenza li, sakemm jiġu osservati l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u kollox isir ''in buona fede'', anki jekk, imbagħad, id-deliberazzjoni tkun oġġettivament inġusta, il-Qorti ma tistax tindaħal fiha (v. Empire Digest, ''Clubs and Other Voluntary Associations'', Vol. VIII, nos. 30, 37, 40 u 41);

L-istess tagħlim insibu f'Halsbury:— ''Provided the rules of natural justice are not broken, the Courts will not interfere with the judgment of any domestic tribunal acting within its jurisdiction'' (Laws of England, Vol. XXVI, § 606, u IV § 910, Hailsham Edition). Liema prinċipju ġie reċentement adottat anki minn dina l-Qorti (Kollez. XXXII —II—317);

Illi minn dana jidher li fil-każ taħt eżami kien jista' jsir appell lit-tribunali fil-każ li kienet tirrikorri xi kawża approvata mil-liġi għat-tħassir ta' kuntratt, u fil-każ ta' ksur tar-regolamenti jew ta' applikazzjoni tagħhom kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Iżda anki f'dawna l-ipotesi, il-Qrati qatt ma jistgħu jissindakaw l-opportunità jew l-espedjenza tad-deliberazzjoni li tkun ġiet meħuda (Kollez. XXXII—II —317), u lanqas il-motivi intrinseċi li jkunu ddeterminawha (v. Bettini, sentenza fuq ċitata); kif ukoll ma jistgħux jaraw jekk l-opinjoni f'dik id-deliberazzjoni espressa hijiex tajba jew ħażina, basta però li tkun ġiet emessa ''in buona fede'';

Illi, fil-każ tagħna, l-attur qiegħed jimpunja d-deċiżjoni ta' l-Eżekutiv Nazzjonali:—

1. Għaliex dan dam ma wasal f'deċiżjoni sad-9 ta' Novembru 1951, qrib sentejn; iżda l-Qorti ma jirriżultalhiex li

d-dewmien, jekk kien hemm, kien in mala fede — prova din li kienet tinkombi lill-attur;

2. Għaliex dak l-Eżekutiv ċaħad il-pretensjoni ta' l-attur bħala mhux fondata fid-dritt; iżda, kif fuq ġie rilevat, il-fondatezza jew le tal-pretensjoni hija apprezzament li ma hu qatt sindakabili mill-Qrati;

3. U għaliex l-imsemmi Eżekutiv ma ppermettiex li l-każ ta' l-attur jiġi sottomess lill-konsulent legali ta' l-Union; iżda għal dana ma jidherx li l-attur kellu dritt skond l-Istatut, u għalhekk ma jirriżulta x li kien hemm vjolazzjoni tar-regolamenti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-preġudizzjali tal-konvenuti, fis-sens li tiddikjara li, "rebus sic stantibus", id-deċiżjoni meħuda mill-Eżekutiv Nazzjonali tal-General Workers' Union mhix sindakabili mill-Qrati;

U konsegwentement tirrespinġi d-domandi ta' l-attur, kif jinsabu l-lum proposti;

L-ispejjeż, stante l-indoli tal-kwistjoni, jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur.